MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 63/2009

**A B**

**-vs-**

**C B xebba D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u sebgha u sebghin (1977) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u / jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha

impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u sebgha u sebghin (1977) huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C B fejn din eccepiet:

Li biha taderixxi ruhha mit-talbiet tar-rikorrent, u dana ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg kontendenti.

Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ebda spejjez.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-attur, f’din il-kawza, qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara bhala null iz-zwieg tieghu mal-konvenuta. Huwa jsostni li l-kunsens tat-tnejn fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew bl-ezistenza ta’ anomalija psikologika serja. Il-konvenuta semplicement qablet mieghu.

Il-Qorti tinnota li l-unici provi li tressqu fil-kawza kienu affidavit qasir tal-attur u iehor iqsar ta’ persuna ohra.

Il-Qorti tibda biex tafferma l-principju stabbilit, li f'dawn il-proceduri, m'huwiex bizzejjed illi parti tasserixxi l-ezistenza ta' difett u l-kontroparti taqbel.

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju." "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Fil-kawza "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju, 1987), intqal hekk:

"Illi z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss."

Il-Qorti, mill-ftit provi prodotti tiskarta immedjatament il-possibilita' ta' xi anomalija psikologika f'xi hadd mill-partijiet. Ma ngabet ebda prova lanqas ta' hjiel ta' anomalija.

Lanqas ma l-Qorti ssib ebda hjiel ta' difett ta' diskrezzjoni f'ebda mill-partijiet .

Il-partjiet, f'din il-kawza zzewgu fl-Awstralja, aktar minn tletin sena ilu. Wara dan iz-zmien kollu ta' konvenjenza,

jigi l-attur jippretendi li din il-Qorti taccetta bla mistoqsijiet allegazzjoni tieghu dwaru nnifsu.  Kif jghid hu:

“Nixtieq nghid ukoll illi l-familjari f’Malta ma kienux jafu li jiena kont qed nohrog ma xi hadd u fil-fatt meta saru jafu li ser nizzewweg, hija kien saqsini jekk kienitx tqila.  Hadd ma kien jaf li jiena kelli relazzjoni, u nghid illi nake jien sa dik il-gurnata illi qisu giet imposta d-data taz-zwieg tieghi ma kelli l-ebda hsieb illi nizzewweg lil konvenuta.  Il-familjari tieghi wkoll ma setghux jifhmu ghaliex kien hemm din l-ghaggla ghaz-zwieg.”

u

“Wara z-zwieg it-tnejn li ahna rrealizzajna dan il-fatt.  Jien kont inhoss illi ma stajt nitlaq minhabba li kelna it-tfal ghadhom zghar, izda lilha kont ghidilha illi meta jikbru t-tfal jien kont ser nitlaq.  Fil-fatt meta ghalqu 18 il-sena (ghax huwa twins) jiena bdejt is-separazzjoni.  Il-mara ma kienetx haditha bi kbira peress illi kienet avzata.”

**Fic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi**:

Tichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------